MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2013

Avviz Numru. 189/2011

**Groffe Elevator Services Limited (C 33310)**
**vs**
**Mario Tonna ghan-nom u in rappresentanza ta' 165, Tower Road Residents' Association, u, permezz ta' digriet datat 21 ta' Ottubru 2011, gie kjamat in kawza Dr Godfrey Gauci Maestre**

Illum 30 ta’ Settembru 2013

Il-Qorti

Rat ir-rikors ippresentat fit-13 ta' Gunju 2011 fejn is-socjeta rikorrenti talbet lill-intimat Mario Tonna ghan-nom tar-Resident's Association, sabiex ihallasha is-somma ta' erbat elef u hamsa u tletin Euro (€4,035) rappresentanti bilanc ta' prezz ta' lift installat u kommissjonat gewwa il-blokk tal-appartamenti 165, Tower Road, Sliema, liema xoghol sar wara l-iffirmar ta' ftehim fit 2 ta' April 2010.
Rat ir-risposta ta' Mario Tonna ippresentata fis 7 ta' Ottubru 2011 illi laqa' ghat-talba billi stqarr illi s-somma li

ghadha ma thallsietx kienet is-sehem ta' wiehed mis-seba residenti tal-blokk tal-appartamenti, ossija Dr Godfrey Gauci Maestre, li kien qieghed jirrifjuta li jhallas, u ghalhekk talbu l-kjamat in kawza tieghu.

Rat ir-risposta ta' Dr Godfrey Gauci Maestre ippresentata fil 25 ta' Jannar 2012 illi, filwaqt li sahaq li t-talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt, huwa qal li Mario Tonna ma kellu ebda dritt jirrappresenta ir-Resident's Association u li huwa personalment ma kien ordna ebda lift ghal blokka tal-appartamenti.

Semghet ix-xhieda ta' **Stefan Cremona** moghtija fid-9 ta' Marzu 2012 u fl-1 ta' Gunju 2012 kif ukoll id-dokumenti minnu esebiti.

Semghet ix-xhieda ta' **Mario Tonna** moghtija fl-1 ta' Gunju 2012.

Semghet ix-xhieda ta' **Dr Mark Sant**, wiehed mir-resident tal-blokk, moghtija fil 15 ta' Ottubru 2012.

Rat illi fil 15 ta' Ottubru 2012 is-socjeta rikorrenti iddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'tippresenta.

Semghet ix-xhieda in kontro ezami ta' **Stefan Cremona** moghtija fis 26 ta' Novembru 2012.

Rat illi fis-seduti tal 25 ta' Frar 2013 u 29 ta' April 2013, il-kjamat in kawza naqas milli jipproduci xhieda ohra, u ghalhekk il-Qorti iddikjarat il-provi tieghu bhala maghluqa u differiet il-kawza ghat 12 ta' Lulju ghal finali trattazzjoni.

Rat ir-rikors tal-kjamat in kawza ippresentat fit 2 ta' Lulju 2013 fejn, filwaqt illi indika fid-dettall x'kienu l-lanjanzi tieghu fil-kaz odjern, talab lill Qorti sabiex takkordalu d-dritt illi jippresenta l-provi tieghu, liema rikors gie michud fit 3 ta' Lulju 2013.

Rat id-dokumenti esebiti mill-kjamat in kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijeit moghtija fit 12 ta' Lulju 2013.

**Ikkunsidrat**

Illi l-kawza odjerna tikkoncerna talba ghal hlas ta' bilanc ta' installar ta' lift gewwa blokk ta' seba appartamenti, liema bilanc huwa attwalment sehem ta' wiehed mis-seba residenti ta' l-istess blokk, liema resident qieghed joggezzjona illi jhallas.

Illi, jirrizulta mill-provi prodotti, li s-seba residenti tal-blokk ta' appartamenti gewwa 165, Tower Road, Sliema, kienu

ghamlu laqa' tal-association taghhom, illi taghha dak iz-zmien kien President il-kjamat in kawza Dr Godfrey Gauci Maestre, fejn kienu ddiskutew l-installar ta' lift gdid biex ibiddlu l-antik li kien hemm. Jidher illi kien hemm disgwid dwar tali lift, principalment jekk tali lift kellux jasal biss sas-sitt sular, kif kien il-lift l-antik, jew inkella jekk kellux ukoll jasal sa' fuq il-bejt, kif kien qieghed jinsisti il-kjamat in kawza Dr Godfrey Gauci Maestre.
Jidher illi, wara hafna laqghat u komunikazzjoni bejniethom, ittiehed vot waqt il-laqgha tal-Association u sitta mir-residenti ivvutaw li l-lift jigi rimpjazzat b'wiehed gdid li kellu jitla' sas-sitt sular, filwaqt illi Dr Godfrey Gauci Maestre astjena mill-vot. L-istess laqgha kienet awtorizzat lill Mario Tonna sabiex jiffirma hu ghan-nom tal-Association sabiex jigi installat lift gdid, liema lift kellu jithallas mir-residenti kollha fi kwoti indaqs.
Il-ftehim eventwalment gie iffirmat fit 2 ta' Marzu 2010 u gie installat kif miftiehem, u sitta mir-residenti hallsu is-sehem taghhom tal-lift. Madanakollu, il-kjamat in kawza irrifjuta ili jhallas u, di piu, ikkontesta ix-xoghlijiet li kienet ghamlet is-socjeta rikorrenti fejn qal, fost affarjiet, illi s-socjeta rikrorenti kienet inkarigata illegalment u abbusivament milli taghmel ix-xoghlijiet. Dana eventwalment wassal ghall-proceduri odjerni.

**Ikkunsidrat**

Illi l-kaz odjern huwa wiehed car u limpidu - il-maggoranza kbira tar-residenti tal-blokk tal-appartamenti 165, Tower Road, Sliema, ossija sitta minn seba, kienu awtorizzaw lill-Assocjazzjoni sabiex jinbidel il-lift antik illi kien hemm fil-post, u is-seba resident, il-kjamat in kawza, kien oggezzjona ghal tali zvilupp. Tali resident, dak iz-zmien, kien il-President ta' dina l-Assocjazzjoni, u ghalhekk l-istess residenti awtorizzaw lill wiehed mir-residenti l-ohra, ossija Mario Tonna, sabiex jirrappresenta l-Assocjazzjoni u jiffirma ghan-nom taghhom.
Illi, il-kjamat in kawza, li kien ried li l-lift jitla sal-bejt filwaqt illi s-sitta l-ohra ma riedux hekk, wara illi l-lift il-gdid gie installat u beda jsir uzu minnu minn kullhadd, ghazel illi ma jhallasx is-sehem tieghu, u ghalhekk kellha ssir il-kawza.

**Ikkunsidrat**

Illi dina l-Qorti qieghda hemm mhux biss biex tara illi l-ligi tigi osservata minn kulhadd, izda, aktar u aktar, sabiex issir il-gustizzja misthoqqa lill kullhadd.

Il-Qorti ma tistax ma tinnutax li l-kjamat in kawza, minkejja l-posizzjoni tieghu, kemm fir-Resident's Association dak iz-zmien kif ukoll fis-socjeta' in generali, ma kienx kapaci jifhem illi la darba huwa jghix gewwa blokk ta' appartamenti flimkien ma' nies ohra, u la darba l-maggoranza riedu li jsiru xoghlijiet b'certa mod, huwa kellu l-obbligu illi jottempera ruhu mar-rieda tal-maggoranza - dina hija r-regola bazilari ta' kull demokrazija u hija s-sisien ta' kull civilta' zviluppata. Huwa seta jiehu mizuri ohra sabiex jattakka tali decizjoni izda, la darba tali azzjoni ma saritx, id-decizjoni tal-maggoranza kienet finali u huwa kellu jaccettaha.

Jidher car fil-kaz odjern, illi l-kjamat in kawza kien qieghed jipprova jimponi r-rieda tieghu fuq il-maggoranza tar-residenti, u kien qieghed jaghmel dana billi jirrifjuta li jhallas is-sehem tieghu u ghalhekk jimbarazza ir-residenti tal-blokk kif ukoll johloqilhom inkonvenjent mhux f'loku.

Din il-Qorti ma tistax hlief tiddisapprova bi shih tali agir.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti

Wara illi rat il-provi kollha prodotti u semghet ix-xhieda,

Wara illi semghet l-abbli difensuri iressqu il-kaz taghhom,

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi billi

**Tilqa** l-eccezzjonijiet ta' Mario Tonna noe u ghalhekk tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju.

**Tichad** l-eccezzjonijiet kollha imressqa mill-kjamat in kawza Dr Godfrey Gauci Maestre

**Tilqa** it-talbiet attrici kif dedotti u

**Tikkundanna** lill-kjamat in kawza Dr Godfrey Gauci Maestre ihallas lis-socjeta rikorrenti is-somma ta' erbat elef, hames u tletin Euro (€4,035) flimkien mal-imghax mis 26 ta' Mejju 2011, data tal-ikkummissjonar tal-lift.

L-ispejjez kollha tas-socjeta rikorrenti kif mitluba kif ukoll tal-konvenut Mario Tonna noe ikunu a karigu tal-kjamat in kawza Dr Godfrey Gauci Maestre.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------